**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 06/2024**

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Mario Campolo

Illum, 31 ta' Lulju 2024

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Mario Campolo, akkużat talli nhar it-3 ta' Diċembru 2023 għal ħabta ta' bejn it-tlieta ta' wara nofs in-nhar u l-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, fil-*Burger King* ta' Paola jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. ikkommetta serq ta' mobile ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċediex l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq sar għad-dannu ta' Delian Long u James Long u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu

3. U aktar talli nhar it-18 ta' Diċembru 2023 ġewwa l-gżejjer Maltin bħala persuna li ġie ordnat il-ħelsien tagħha bla ħsara għall-kondizzjonijiet li tniżżlu bil-miktub mill-Uffiċjal tal-Kustodja, u li ġew iffirmati minn Mario Campolo, sabiex jinħeles, naqas milli jħares xi kondizzjoni imposta fuqu meta huwa nħeles, billi naqas milli jattendi ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Paola nhar it-18 ta' diċembru 2023.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Jannar 2024 li permezz tagħha l-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 261(c), 279(a), 289 u 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Mario Campolo ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrih u ikkundannatu għal perijodu ta'tmintax-il xahar (18) priġunerija effettiva. In oltre l-Qorti qiegħdet lill-ħati Mario Campolo taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jingħata l-għajnuna psikjatrika u psikoloġika neċessarja, kif ukoll kull għajnuna oħra li jista' jkollu bżonn l-imputat, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija mogħtija lilu sabiex jindirizza l-problemi tiegħu ta' dipendenza fuq id-droga, hekk kif jista' jiġi rakkomandat mill-*Probation Officer*, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' tmintax-il xahar (18). Inoltre ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rabtet lill-ħati Mario Campolo b'Ordni ta' Protezzjoni għal żmien tlett (3) snin għall-protezzjoni ta' Delian Long u James Long.

Rat ir-rikors ippreżentat mill-imputat Mario Campolo fit-12 ta' Frar 2024 fejn talab lil Qorti sabiex, tirriforma s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2024 fejn il-Qorti ikkonvertiet ruħha f' Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq talba tal-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Lulju 2024 li permezz tiegħu l-appellant informa lill-Qorti li huwa kien qed jirtira it-talba tiegħu magħmula fit-termini ta'l-artikolu 8 tal-Kap.537.

Rat illi, fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti irrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravju tal-appellant huwa marbut unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta huwa irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu sabiex b'hekk kien hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fir-rigward ta'l-istess u li dwarha ma ġie intavolat ebda appell. Jilmenta l-appellant illi l-piena ta' tmintax-il xahar priġunerija erogata mill-ewwel Qorti għal serq ta' *mobile phone* hija eċċessiva fejn ma ħaditx in konsiderazzjoni l-aspett riformattiv a skapitu tal-aspett tad-deterrent fil-piena. Jikkontendi l-appellant illi huwa mifni bil-problema tal-tossikodipendenza apparti problemi oħra serji ta' saħħa. Il-piena erogata hija ta' detriment għalih u ser isservi biex huwa jitlef il-progress li għamel fid-determinazzjoni li nibtet fih sabiex huwa jindirizza l-problema tal-vizzju tad-droga. Oltre dan fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti lanqas ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tiegħu.

Illi mill-provi imressqa mid-difiża marbuta mat-talba minnha magħmula fit-termini ta'l-artikolu 8 tal-Kap.537, li sussegwentment ġiet rtirata mill-appellant, il-Qorti setgħet tinnota illi quddiemha kellha bniedem b'passat kriminoġeniku, b'diversi kundanni mogħtija fi-konfront tiegħu minn dawn il-qrati u li ilu snin twal maħkum mill-vizzju tad-droga. Ma jidhirx li matul is-snin huwa għaraf jindirizza din il-problema f' ħajtu tant illi baqa' igħix il-ħajja fil-kriminalita'. Illum, abbinat ma' din id-dipendenza l-appellant huwa bniedem afflitt minn mard serju u għandu bżonn il-kura kontinwa sabiex igħix ħajja diċenti. Dan jikkonfermawh ix-xhieda mismugħa mill-Qorti, u ċioe' is-*social worker* Nicole Saliba li qed issewgi lill-appellant ġewwa il-ħabs u it-tabib tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin Dr. Chris Cremona. L-appellant jidher li qed jipprova jindirizża dawn iż-żewġ problemi kbar li għandu f'ħajjtu, kemm dak tal-vizzju, kif ukoll

dak li jikkonċerna is-saħħa tiegħu. Jidher fuq kollox illi f' Malta huwa ma għandux familja, billi din hija residenti ġewwa Sqallija, sabiex toffrielu s-*support* li għandu bżonn. L-appellant illum huwa bniedem li ma jistax igħix waħdu fil-komunita' u dan minħabba il-problemi ta' saħħa serji li huwa afflitt minnhom, fejn jidher illi hemm bżonn ta' kura kontinwa biex b'hekk jenħtieġ li jinżamm taħt superviżjoni medika u soċjali. Mhux biss iżda jidher li fil-mument li huwa jkun irrilaxxat mill-ħabs, ma għandux post f'Malta fejn jista' jirrisjedi.

Issa l-appellant irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati, u ċioe' għar-reat tas-serq ikkwalifikat bil-valur, għal dak kontravvenzjnali imfassal fl-artikolu 355AL(6) tal-Kodiċi Kirminali, oltre l-addebitu tar-reċidiva fit-termini ta'l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-piena għar-reat tas-serq ikkwalifikat bil-valur huwa dak tal-priġunerija bejn ħames xhur u tlett snin skont kif hemm maħsub fl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, liema piena tiżdied bi grad jew tnejn billi l-appellant huwa reċidiv. Jikkonsegwi għalhekk illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tmintax-il xaħar priġunerija hija waħda fil-parametri u li hija viċin il-minimu, iktar milli il-massimu tagħha ta' ħames snin priġunerija.

Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari li jsawwru l-ħajja tal-appellant, il-Qorti lanqas ma tista' tikkonsidra piena alternattiva għal dik tal-priġunerija. Ibda biex l-appellant huwa reċidiv u kwindi huwa eskluż l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap.9 fil-konfront tiegħu. Illi imbagħad bil-fatt illi l-appellant lanqas għandu fejn joqgħod u lanqas għandu min jista' jieħu ħsiebu kwindi lanqas ma jista' jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap.446, u dan għaliex ġaldarba l-appellant m'għandux meżżi biex imantni lilu innifsu, u fid-dawl tal-fatt illi huwa reċidiv u għandu id-dipendenza fuq id-droga, hemm biża' kbira li jerġa' jikkometti reati ġodda.

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji, il-Qorti ma tarax illi l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod żbaljat billi jidher illi huwa biss permezz ta'l-inkarċerazzjoni illi l-appellant jista' jingħata l-għajnuna u il-kura kollha li għandu bżonn.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-terminu ta' tmintax-il xahar ta' l-Ordni ta' Trattament fit-termini ta'l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għandu jibda jiddekorri mil-lum. Tissolleċita lid-Direttur tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin sabiex jara (kif *del resto* jidher li diġa qed isir) illi l-appellant ikompli jingħata il-kura kemm medika kif ukoll għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga tul il-permanenza tiegħu ġewwa l-Ħabs.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

**Notifika:**

1. **Direttur Probation Services**

2. **Direttur tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin**